MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI

# (GHAWDEX)

# (GURISDIZZJONI SUPERJURI)

# (SEZZJONI GENERALI)

## MAGISTRAT DR.

## JOSETTE DEMICOLI

Seduta tas-6 ta' Frar, 2015

Citazzjoni Numru. 39/2013

**Joseph u Antonia konjugi Vella**

**Vs**

**Il-Bord tas-Servizzi Generali; u Dottor Raymond Busuttil u Moira Azzopardi fil-kwalita' taghhom ta' Chairman u Segretarja rispettivament tal-Bord tas-Servizzi Generali u b'digriet tal-14 ta' Frar 2014 il-gudizzju gie trasfuz fuq isem Dr Richard Zammit bhala Chairman ex officio tal-Bord tas-Servizzi Generali**

**U ghal kull interess li jista' jkollhom:**

**Id-Direttur ghas-Sahha Ambjentali**

**L-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u L-Ippjanar**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors mahluf tal-konjugi Vella li jaqra hekk:

(1) Illi l-esponenti Joseph Vella huwa *a registered objector* u kien rikonoxxut bhala tali mill-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar (MEPA) fl-applikazzjoni numru PA 3734/07 ghall-*'change of use from Class 4 shop to Class 6 snack bar, and fixing of sign'* ghall-fond bl-isem 'Mirage Rock' li jinsab fi Pjazza JF Kennedy, Rabat, Ghawdex (Kopja tal-ittra ta' oggezzjoni datata disgha (9) ta' Lulju 2007 u l-acknowledgement ghall-istess ittra datat sittax (16) ta' Lulju 2007 annessi bhala Dokumenti A u B rispettivament);

(2) Illi wahda mill-kwistjonijiet sollevati mir-rikorrenti tul l-ipprocessar ta' din l-applikazzjoni kienet l-gholi tal-fond mertu ta' din l-applikazzjoni. Dan ghaliex fit-termini tal-artikolu 97(1)(d) tal-Kap 10 tal-Ligijiet ta' Malta *"kull kamra mill-art sat-travi tas-saqaf, jew, meta s-saqaf huwa mibni fuq il-hnejjiet, sa nofs il-gholi ta' kull hnejja, ghandha tkun mill-anqas tnejn punt sebgha hamsa metri gholi, f'kull parti"*;

(3) Illi l-gholi stabbilit fl-artikolu 97(1)(d) jista' jitnaqqas billi tinghata esenzjoni mill-Bord tas-Servizzi Generali, b'dan illi fi kwalunkwe kaz l-gholi tal-kamra fejn ikun sejjer jigi preparat ikel ghall-konsum ma jistax ikun aktar baxx minn zewg metri u tletin centimetru (2.3m) u li tali gholi jrid jigi kalkulat mill-art sa taht it-travu jew inkella mill-art sa nofs il-hnejja skont kif ikun il-kaz;

(4) Illi in vista li l-gholi tas-sit mertu ta' din l-applikazzjoni kien anqas minn zewg metri u hamsa u sebghin centimetru (2.75m) kien jehtieg li l-MEPA tirreferi l-kaz lill-Bord tas-Servizzi Generali biex il-Bord ikun jista' jaghti d-debita koncessjoni biex l-gholi tal-fond ikun anqas minn zewg metri u hamsa u sebghin centimetru (2.75m);

(5) Illi l-Bord tas-Servizzi Genenerali ltaqa' fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Novembru 2012 fl-Ufficcju tas-Supretendent tas-Sahha Pubblika sabiex jiddeciedi l-kaz relattiv ghall-applikazzjoni PA 3734/07 (Kaz Numru 83/2012) u ddecieda li jaghti l-kunsens tieghu sabiex il-Public Sanitary Engineering Officer (PSEO) japprova l-applikazzjoni. Fil-fatt fil-minuti tal-laqgha tal-Bord gie dikjarat li: *"PSEO brought up this application for the Board's decision since the Health Inspectorate had refused it in view that there was one lintel in the middle of the shop. The Board agreed that since there is only one lintel the PSEO may approve this application. APPLICATION APPROVED". Kopja ta' dawn il-minuti jinsabu annessi u markati bhala 'Dokument C";*

(6) Illi in segwitu ghad-decizjoni tal-Bord tas-Servizzi Generali, il-case officer tal-MEPA irrakkomanda l-approvazzjoni tal-applikazzjoni u l-istess Awtorita' approvat il-hrug tal-permess fis-sitta u ghoxrin (26) ta' Marzu 2013;

(7) Illi minkejja li l-Bord tas-Servizzi Generali kellu quddiemu l- file PA 3734/07 minn fejn kien jirrizulta bic-car li r-rikorrenti Joseph Vella kien a registered objector, ir-rikorrenti konjugi Vella la kienu nfurmati bil-laqgha tal-Bord li kellha ssir nhar it-tnejn u ghoxrin (22) ta' Novembru 2012 u wisq anqas ma kellhom jew inghataw xi possibilita' li huma jaghmlu s-sottomissjonijiet u l-osservazzjonijiet taghhom lill-istess Bord bhala objectors fl-imsemmija applikazzjoni;

(8) Illi di fatti l-esponenti konjugi Vella saru jafu <u>**ghall-ewwel darba**</u> b'din id-decizjoni tal- Bord tas-Servizzi Generali fil-wiehed u tletin (31) ta' Jannar 2013 wara li gie ppubblikat id-Development Planning Application Report tal-Case Officer u f'dan ir-rapport

kien hemm referenza ghad-decizjoni tal- Bord tas-Servizzi Generali. Kopja tal-ittra kif ukoll tar-rapport huma annessi u markati bhala Dokumenti D u E rispettivament;

(9) Illi fit-termini tal-artikolu 44A tal-Kap 94 il- Bord tas-Servizzi Generali ghandu jirrispetta u japplika l-principji ta' mgieba amministrattiva tajba skont l-artikolu 3 tal-Att dwar il-Gustizzja Amministrattiva (Kap 490);

(10) Illi l-artikolu 3 tal-Kap 490 jistabilixxi fost affarijiet ohra li Tribunal Amministrattiv irid josserva d-dritt tal-partijiet li jinghataw smiegh xieraq inkluz il-principji tal-gustizzja naturali u cioe' *nemo judex in causa sua* u *audi alteram partem,* li kull parti tinghata d-dritt li tipprezenta l-kaz taghha quddiem it-Tribunal jew Bord u li l-proceduri quddiem l-istess Tribunal jew Bord isiru bil-miftuh;

(11) Illi bil-mod ta' kif il-Bord tas-Servizzi Generali rregola l-procedura tieghu fil-kaz numru 83/2012 b'mod partikolari l-fatt li ddecieda l-kaz minghajr ma avza u ta l-possibilita' lir-rikorrenti jipprezentaw is-sottomissjonijiet b'rabta mal-oggezzjoni taghhom l-istess Bord ivvjola b'mod mill-iktar car il-principji ta' mgiba ta' gustizzja tajba hekk kif indikati fil-Kap 490;

(12) Illi in oltre l-ghemil tal-istess Bord mar kontra l-ligi, precizament kontra dak li jipprovdi l-artikolu 97(1)(d) tal-Kap 10 dwar il-mod kif irid jitqies l-gholi tal-fond, stante li sabiex tinghata l-koncessjoni l-Bord kellu jikkunsidra l-gholi tal-fond mill-art sa taht it-travu u mhux mill-art sas-saqaf kif effettivament sar ghax sempliciment fil-fond in kwistjoni kien hemm travu wiehed biss;

(13) Illi in oltre l-Bord lanqas seta' jaghti tali koncessjoni ghax l-gholi mill-art sa taht it-travu kien u ghadu anqas minn zewg metri u tletin centimetru (2.30m) skont kif tikkonferma l-pjanta sottomessa mill-applikant fl-applikazzjoni PA 3734/07 (Kopja annessa bhala Dokument F) u allura anqas mill-massimu tal-koncessjoni

stabbilita sabiex il-Bord tas-Servizzi Generali jikkunsidra u jaghti permess sabiex il-kmamar jintuzaw bhala *food rooms;*

(14) Illi fic-cirkostanzi hemm lok li din l-Onorabbli Qorti tiddikjara null l-ghemil tal-Bord tas-Servizzi Generali a tenur tal-artikolu 469A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta u li per konsegwenza jigi revokat ukoll il-permess PA 3734/07 mahrug mill-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ipjanar nhar is-sitta u ghoxrin (26) ta' Marzu 2013 (Kopja annessa bhala Dokument G);

(15) Illi din il-kawza qeghdha ssir wara li giet prezentata u notifikata d-debita ittra ufficjali, kopja annessa u markata bhala Dokument H;

L-atturi ghalhekk talbu lil din il-Qorti:

(i) Tiddikjara li l-Bord tas-Servizzi Generali fil-mod ta' kif mexxa l-proceduri u l-mod ta' kif iddecieda l-kaz numru 83/2012 koncernanti l-applikazzjoni PA 3734/07 rigward *'Change of Use from Class IV Shop to Class VI Snack Bar and fixing of sign'* fit-22 ta' Novembru 2012 ma rrispettax u ma applikax il-principji ta'mgiba amministrattiva tajba stabbiliti fit-Tieni Taqsima tal-Kap 490, b'mod partikolari dawk stabiliti fl-artikolu 3(2) tal-istess Att;

(ii) Tiddikjara wkoll li l-Bord applika l-ligi hazin meta fil-kaz 83/2012 ikkalkula l-gholi tal-fond mill-art sas-saqaf. Dan ghaliex la darba kien hemm travu fil-kamra, l-gholi kellu jittiehed sa taht it-travu fit-termini tal-artikolu 97(1)(d) tal-Kap 10. In oltre fi kwalunkwe kaz l-Bord lanqas ma seta' jaghti tali koncessjoni ghaliex il-kejl tal-fond mill-art sa taht it-travu kien anqas minn dak stabbilit mill-massimu tal-koncessjoni li setghet tinghata bhala gholi rigward *food rooms;*

(iii) Konsegwentement ghar-ragunijiet premessi tiddikjara nulla d-decizjoni numru 83/2012 mehuda mill-Bord tas-Servizzi Generali

nhar it-tnejn u ghoxrin (22) ta' Novembru 2012 in konnessjoni ma' PA 3734/07;

(iv) Tiddikjara li d-decizjoni tal-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar sabiex jinghata l-permess ghall-applikazzjoni numru PA 3734/07 kienet konsegwenza tad-decizjoni tal-Bord tas-Servizzi Generali;

(v) Konsegwentement ukoll tordna lill-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar sabiex tirrevoka l-permess PA 3734/07 mahrug fis-26 ta' Marzu 2013;

(vi) Tordna li l-partijiet jergghu jitqeghdu fl-istat li kien fih qabel mal-applikazzjoni giet riferuta lill-Bord tas-Servizzi Generali.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti illi huma minn issa gia' ingunti ghas-subizzjoni.

Rat li l-konvenuti Dottor Raymond Busuttil, Moira Azzopardi u d-Direttur ghas-Sahha Ambjentali permezz tar-risposta guramentata rrispondew hekk:

<u>Eccezzjonijiet Preliminari</u>

1. Illi in linea preliminari l-konvenuta Moira Azzopardi m'hiex il-legittimu kontradittur stante li hija ma tippartecipax fil-process ta' deliberazzjoni u decizjoni tal-General Services Board stante li r-rwol taghha f'dan il-Bord huwa purament klerikali u ghaldaqstant ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju;

2. Illi lanqas id-Direttur ghas-sahha Ambjentali ma huwa l-legittimu kontradittur stante li d-decizjoni li r-rikorrenti qed jippruvaw jimpunjaw ma ttihdietx minnu u ghaldaqstant huwa wkoll ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju;

3. Illi essenzjalment ir-rikorrenti qed jippruvaw jimpunjaw decizjoni tal-Awtorita' ghall-Ambjent u l-Ippjanar u ghaldaqstant in linea preliminari wkoll din il-Qorti hi inkompetenti *ratione materiae* stante li l-forum kompetenti hu t-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar hekk kif stabbilit taht l-Artikolu 40 tal-Kap 504;

4. Illi in linea preliminari wkoll, ir-rikorrenti qed jittantaw azzjoni taht l-artikolu 469A tal-Kap 12 izda tali azzjoni mhix proponibbli stante li disposizzjonijiet tal-artikolu 469A tal-Kap 12 ma japplikawx meta l-mod ta' kontestazzjoni jew ta' ksib ta' rimedju dwar xi att amministrattiv partikolari quddiem qorti jew tribunal jigi provdut dwaru f'xi ligi ohra[1];

5. Illi in linea preliminari wkoll jekk mill-banda l-ohra jirrizulta li r-rikorrenti qed jittantaw jimpunjaw id-decizjoni tal-Bord tas-Servizzi Generali lanqas tali azzjoni ma hi proponibbli stante li l-forum kompetenti ghal tali azzjoni huwa l-Qorti tal-Appell[2] u ghaldaqstant isegwi li din il-Qorti hija nkompetenti *ratione materie;*

<u>Stqarrija ta' l-Eccezzjonijiet fuq il-Meriti tat-Talba</u>

1 Illi t-talbiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra r-rikorrenti;

2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri permessi mil-ligi.

[1] Kap 12, At 469A(4)
[2] Kap 10, Art 102(6)

<u>Dikjarazzjoni Guramentata dwar il-Fatti kollha dwar it-talba</u>

1. Illi dak dikjarat f'paragrafi 1 sa 6 tar-rikors promotur mhux ikkontestat;

2. Illi inkwantu ghal dak dikjarat f'paragrafu 7 tar-rikors promotur, il-Bord tas-Servizzi Generali ma kellu l-ebda obbligu jisma lir-rikorrenti stante illi l-partijiet koncernati kienu l-Awtorita' ghall-Ambjent u l-Ippjanar u l-Applikant taht l-applikazzjoni PA 3734/07;

3. Illi applicando l-principju *ubi lex voluit dixit* kemm-il darba l-legislatur ried illi terz interessat (*registered objector)* jircievi l-istess trattament ta' applikant quddiem il-Bord tas-Servizzi Generali dan kien ikun sancit taht il-ligi relattiva;

4. Illi fil-fatt Kap 504 taht l-artikolu 68(4) jistipula li *"Kull persuna tista' tiddikjara interess f'xi zvilupp u, abbazi ta' ragunijiet li jkunu rilevanti ghall-ippjanar, taghmel ilmenti dwar dak l-izvilupp. Dik id-dikjrazzjoni ta' interess flimkien ma' l-ilmenti ghandha ssir bil-miktub u tasal ghand l-Awtorita' fiz-zmien kif stabbilit mill-Awtorita'".* L-ebda disposizzjoni simili ma tirrizulta taht id-disposizzjonijiet li jirregolaw il-Bord tas-Servizzi Generali;

5. Illi in oltre l-ebda dritt tar-rikorrenti ma gie lez bin-nuqqas ta' smiegh quddiem il-Bord tas-Servizzi Generali stante li dawnkellhom l-opportunita' kollha li jappellaw mid-decizjoni tal-Awtorita' ghall-Ambjent quddiem il-forum kompetenti u cioe' quddiem it-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar[3];

6. Illi dak iddikjarat f'paragrafi 8 sa 10 tar-rikors promotur mhux ikkontestat b'dan izda illi dan japplika biss fil-konfront tal-Awtorita' u l-applikant u mhux fil-konfront tat- terz interessat (*registered objector);*

[3] Kap 504 Art 41(1)(c)

7. Illi rigward dak dikjarat f'paragrafi 11 sa 14 tar-rikors promotur l-esponenti jirribadixxi illi primarjament ir-rikorrenti kellhom rimedju iehor taht il-Kap 504 u cioe' li jappellaw quddiem it-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar u inoltre' l-Bord tas-Servizzi Generali ma kellu l-ebda obbligu jisma' lir-rikorrenti fil-vesti taghhom ta' terzi interessati, stante li dan mhux stipulat fl-ebda disposizzjoni tal-ligi;

8. Illi ghaldaqstant, it-talbiet tar-rikorrenti kontra l-konvenuti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante li l- l-Bord tas-Servizzi Generali bl-ebda mod ma naqas fil-konfront tar-rikorrenti;

9. Illi l-fatti kollha fuq esposti Charmaine Gauci ghall-konvenuti tafhom personalment.

Illi l-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar eccepiet:

(1) Illi fl-ewwel lok, u in linea preliminari, jigi eccepit illi, it-talbiet attrici, inkwantu diretti fil-konfront tal-eccipjenti, huma legalment insostenibbli peress illi jirrizulta bic-car, anke mill-mod illi bih gew postulati l-premessi u t-talbiet attrici, illi l-lanjanza tar-rikorrenti hija diretta fil-konfront tal-Bord tas-Servizzi Generali u l-ghemil allegatament imwettaq mill-istess, u l-eccipjenti bl-ebda mod ma hija responsabbli li twiegeb ghal dan l-istess ghemil in kwantu l-imsemmi Bord huwa entita' ghal kollox distinta u separata mill-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar u ghalhekk l-istess Awtorita' m'ghandha l-ebda setgha u/jew kontroll fuq l-ghemil imwettaq mill-istess Bord. Illi fl-azzjoni minnhom proposta, ir-rikorrenti mkien ma jallegaw illi l-eccipjenti agixxiet bi ksur tal-artikolu 469A fl-ipprocessar u l-eventwali approvazzjoni tal-permezz numru PA 3734/07, u ghaldaqstant l-Awtorita' eccipjenti

ghandha tigi lliberata mill-osservanza tal-gudizzju stante li m'hijiex il-legittimu kuntradittur.

(2) Illi subordinarjament u minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, jigi irrilevat, dejjem in linea preliminari, illi l-azzjoni attrici hija nulla u nattendibbli stante n-nuqqas ta' ezawriment tar-rimedji ordinarji disponibbli ghar-rikorrenti skont il-ligi. Di fatti kif jirrizulta mill-atti u kif ser jigi ulterjorment ipprovat waqt is-smiegh tal-kawza, kienu r-rikorrenti stess illi rrikonoxxew u qeghdin jaghmlu uzu mir-rimedji ordinarji disponibbli ghalihom skont il-ligi in kwantu ftit qabel l-intavolar tal-odjerna kawza, l-istess rikorrenti pprezentaw appell quddiem it-Tribunal tar-Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar, illi permezz tieghu kkuntestaw il-hrug tal-permess ghall-izvilupp numru PA 3734/07 mertu ta' din il-kawza; liema appell ghadu pendenti quddiem it-Tribunal tar-Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar u jgib ir-referenza numru PAB 83/13. Illi ghaldaqstant l-azzjoni odjerna hija ntempestiva, monka u nulla stante li l-atturi ghandhom u qed jutilizzaw rimedju ordinarju specifiku pprovdut lilhom mil-ligi u kwindi huma prekluzi milli jippromwovu l-azzjoni odjerna.

(3) Illi preliminarjament ukoll, l-atturi jridu jiddikjaraw abbazi ta' liema disposizzjoni tal-ligi qed isejsu l-azzjoni taghhom. Jekk din hija azzjoni ta' stharrig gudizzjarju dwar ghemil amministrattiv taht l-artikolu 469A tal-Kap 12 allura:

(a) L-azzjoni hija perenta inkwantu ma saritx fit-terminu perentorju ta' sitt xhur stabbilit mill-Ligi; u

(b) Fi kwalunkwe kaz l-azzjoni hija nfondata fil-fatt u fid-dritt peress illi fil-konfront tal-eccipjenti ma jezistu l-ebda wahda mill-aggravji tal-art. 469A tal-Kap 12;

(4) Jekk min-naha l-ohra l-attur jiddikjara li din m'hiex azzjoni ta' stharrig gudizzjarju dwar ghemil amministrattiv, allura jrid

jindika liema disposizzjoni tal-ligi taghtih il-jedd li mexxi din ix-xorta ta' azzjoni u jressq it-talbiet kif kontenuti fir-rikors mahluf.

(5) Illi bla pregudizzju ghas-sueccepit, u *dato ma non concesso* li l-eccezzjonijiet suddetti ma jigux akkolti, fil-mertu t-talbiet attrici huma ghal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi fl-ipprocessar u l-eventwali approvazzjoni tal-permess numru PA 3734/07, l-Awtorita' eccipjenti mxiet in piena ottemperenza mal-obbligi kollha mposti fuqha skont il-ligi u wettqet l-inkarigu u l-funzjonijiet taghha in konformita' assoluta mal-istess ligi. Illi di fatti jidher illi dan il-fatt m'huwiex qieghed jigi kkontestat mir-rikorrenti in kwantu ma tressqet l-ebda allegazzjoni fir-rigward ta' ghemil allegatament imwettaq mill-esponenti bi ksur tal-artikolu 469A tal-Kap12 tal-Ligijiet ta' Malta.

(6) Illi *di piu, dato ma non concesso* illi l-ghemil twettaq mill-Bord tas-Servizzi Generali, jikkostitwixxi xi forma ta' ksur tal-artikolu 469A, (haga assolutament mhux kondiviza mill-esponenti), is-setghat, funzjonijiet u l-poteri tal-Awtorita' eccipjenti, u ghaldaqstant din tal-ahhar m'ghandha l-ebda vires h/jew kompetenza fuq id-decizjonijiet moghtija mill-istess Bord.

(7) Salvi, jekk ikun il-kaz, risposti ossia eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kollha kontra l-atturi.

<u>Dikjarazzjoni Guramentata ghall-finijiet tal-artikolu 158(3) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta</u>

Mark Cini ddikjara:

(1) Illi dawn il-fatti jafhom hu personalment.

(2) Illi fl-ewwel lok, u in linea preliminari, jigi eccepit illi, t-talbiet attrici, inkwantu diretti fil-konfront tal-eccipjenti, huma legalment insostenibbli peress illi jirrizulta bic-car, anke mill-mod illi bih gew postulati l-premessi u t-talbiet attrici, illi l-lanjanza tar-rikorrenti hija diretta fil-konfront tal-Bord tas-Servizzi Generali u l-ghemil allegatament imwettaq mill-istess, u l-eccipjenti bl-ebda mod ma hija responsabbli li twiegeb ghal dan l-istess ghemil in kwantu l-imsemmi Bord huwa entita' ghal kollox distinta u separata mill-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar u ghalhekk l-istess Awtorita' m'ghandha l-ebda setgha u/jew kontroll fuq l-ghemil imwettaq mill-istess Bord. Illi fl-azzjoni minnhom proposta, ir-rikorrenti mkien ma jallegaw illi l-eccipjenti agixxiet bi ksur tal-artikolu 469A fl-ipprocessar u l-eventwali approvazzjoni tal-permezz numru PA 3734/07, u ghaldaqstant l-Awtorita' eccipjenti ghandha tigi lliberata mill-osservanza tal-gudizzju stante li m'hijiex il-legittimu kuntradittur.

(3) Illi subordinarjament u minghajr pregudizzju ghas-seccepit, jigi rrilevat, dejjem in linea preliminari, illi l-azzjoni attrici hija nulla u nattendibbli stante n-nuqqas ta' ezawriment tar-rimedji ordinarji disponibbli ghar-rikorrenti skont il-ligi. Di fatti kif jirrizulta mill-atti u kif ser jigi ulterjorment ipprovat waqt is-smiegh tal-kawza, kienu r-rikorrenti stess illi rrikonoxxew u qeghdin jaghmlu uzu mir-rimedji ordinarji disponibbli ghalihom skont il-ligi in kwantu ftit qabel l-intavolar tal-odjerna kawza, l-istess rikorrenti pprezentaw appell quddiem it-Tribunal tar-Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar, illi permezz tieghu kkuntestaw il-hrug tal-permess ghall-izvilupp numru PA 3734/07 mertu ta' din il-kawza; liema appell ghadu pendenti quddiem it-Tribunal tar-Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar u jgib ir-referenza numru PAB 83/13. Illi ghaldaqstant l-azzjoni odjerna hija ntempestiva, monka u nulla stante li l-atturi ghandhom u qed jutilizzaw rimedju ordinarju specifiku pprovdut lilhom mil-ligi u kwindi huma prekluzi milli jippromwovu l-azzjoni odjerna.

(4) Illi preliminarjament ukoll, l-atturi jridu jiddikjaraw abbazi ta' liema disposizzjoni tal-ligi qed isejsu l-azzjoni taghhom. Jekk din hija azzjoni ta' stharrig gudizzjarju dwar ghemil amministrattiv taht l-artikolu 469A tal-Kap 12 allura:

(a) L-azzjoni hija perenta nkwantu ma saritx fit-terminu perentorju ta' sitt xhur stabbilit mill-Ligi; u

(b) Fi kwalunkwe kaz l-azzjoni hija nfondata fil-fatt u fid-dritt peress illi fil-konfront tal-eccipjenti ma jezistu l-ebda wahda mill-aggravji tal-art. 469A tal-Kap 12;

(5) Jekk min-naha l-ohra l-attur jiddikjara li din m'hiex azzjoni ta' stharrig gudizzjarju dwar ghemil amministrattiv, allura jrid jindika liema disposizzjoni tal-ligi taghtih il-jedd li mexxi din ix-xorta ta' azzjoni u jressq it-talbiet kif kontenuti fir-rikors mahluf.

(6) Illi bla pregudizzju ghas-sueccepit, u *dato ma non concesso* li l-eccezzjonijiet suddetti ma jigux akkolti, fil-mertu t-talbiet attrici humaghal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi fl-ipprocessar u l-eventwali approvazzjoni tal-permess numru PA 3734/07, l-Awtorita' eccipjenti mxiet in piena ottemperenza mal-obbligi kollha mposti fuqha skont il-ligi u wettqet l-inkarigu u l-funzjonijiet taghha in konformita' assoluta mal-istess ligi. Illi di fatti jidher illi dan il-fatt m'huwiex qieghed jigi kkontestat mir-rikorrenti in kwantu ma tressqet l-ebda allegazzjoni fir-rigward ta' ghemil allegatament imwettaq mill-esponenti bi ksur tal-artikolu 469A tal-Kap12 tal-Ligijiet ta' Malta.

(7) Illi *di piu, dato ma non concesso* illi l-ghemil twettaq mill-Bord tas-Servizzi Generali, jikkostitwixxi xi forma ta' ksur tal-artikolu 469A, (haga assolutament mhux kondiviza mill-esponenti), is-setghat, funzjonijiet u l-poteri tal-Awtorita' eccipjenti, u ghaldaqstant din tal-ahhar m'ghandha l-ebda

vires u/jew kompetenza fuq id-decizjonijiet moghtija mill-istess Bord.

Semghet ix-xhieda.

Rat id-dokumenti u l-atti kollha.

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza fuq l-eccezzjonijiet preliminari.

Ikkunsidrat:

Illi fil-qosor il-fatti li wasslu ghall-kawza odjerna huma s-segwenti:

- Saret applikazzjoni minn terz ghal *'change of use from Class 4 Shop to Class 6 snack bar, and fixing of sign'* ghall-fond bla isem 'Mirage Rock' fi Pjazza J.F. Kennedy Rabat, Ghawdex.

- L-attur Joseph Vella huwa terz interessat (registered objector) li gie rikonoxxut bhala tali mill-MEPA.

- Matul l-ipprocessar ta' l-applikazzjoni l-attur issolleva l-kwistjoni dwar l-gholi tal-fond ai termini ta' l-artikolu 97(1)(d) tal-Kap 10. L-gholi mpost mil-ligi jista' jitnaqqas billi tinghata ezenzjoni mill-Bord tas-Servizzi Generali.

- Din il-kwistjoni giet riferuta lill-Bord tas-Servizzi Generali.

- Il-Bord iltaqa' fit-22 ta' Novembru 2012 u ta l-kunsens tieghu. In segwitu ghal tali approvazzjoni, il-case officer tal-MEPA irrakkomanda l-approvazzjoni tal-applikazzjoni u fis-26 ta' Marzu 2013 il-MEPA approvat il-hrug tal-permess.

- L-ilment ta' l-attur huwa li l-Bord nonostante li huwa kien terz interessat ma giex infurmat bil-laqgha tat-22 ta' Novembru 2012 u ghalhekk l-atturi ma nghatawx l-opportunita' li jaghmlu s-sottomissjonijiet taghhom. Infatti saru jafu bid-decizjoni tal-Bord wara li gie ppubblikat ir-rapport tal-Case Officer.

- Ghalhekk l-atturi jsostnu li l-Bord ma rrispettax u m'applikax il-principji ta' mgieba amministrattiva tajba u li l-Bord mar kontra l-ligi meta ta l-koncessjoni. Ghaldaqstant qeghdin jitolbu dikjarazzjoni li l-ghemil tal-Bord jigi dikjarat null u konsegwentement jigi revokat il-permess.

Illi permezz tan-nota tal-14 ta' Frar 2014, l-atturi cedew il-kawza limitatament fil-konfront tad-Direttur Sahha Ambjentali.

<u>L-Ewwel zewgt eccezzjonijiet preliminari tal-Bord tas-Servizzi Generali, Dottor Richard Zammit u Moira Azzopardi fil-kwalita' taghhom ta' Chairman u Segretarja tal-Bord tas-Servizzi Generali</u>

Illi l-ewwel eccezzjoni ghandha tintlaqa' billi effettivament jirrizulta li r-rapprezentanza legali tal-Bord ma rrizultax li hija f'idejn is-segretarja tal-Bord li ghandha rwol purament klerikali u kwindi Moira Azzopardi ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju.

Ghar-rigward tat-tieni eccezzjoni, din il-Qorti qeghda tastjeni milli tieghu aktar konjizzjoni taghha billi l-atturi cedew il-kawza taghhom fil-konfront tad-Direttur ghas-Sahha Ambjentali.

L-ewwel eccezzjoni ta' l-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar

Huwa evidenti minn qari tar-rikors promotur u anki minn dak li rrizulta li l-atturi qeghdin jikkontestaw id-decizjoni l-mod ta' kif tmexxew l-affarijiet u l-mod ta' kif ittiehdet id-decizjoni mill-Bord tas-Servizzi Generali. Jirrizulta wkoll mix-xhieda ta' Mark Cini li l-Bord tas-Servizzi Generali u l-MEPA huma separati u distinti minn xulxin. Infatti l-Kodici tal-Pulizija huwa l-Kodici li jirregola wkoll il-funzjonijiet tal-Bord tas-Servizzi Generali u s-Supretendent tas-Sahha Pubblika. Madankollu, irrizulta wkoll li filwaqt li l-MEPA ghamlet il-kunsiderazzjonijiet taghha dwar l-ippjanar, wara li baghtet il-kaz quddiem il-Bord tas-Servizzi Generali, il-permess mill-MEPA inhareg anki abbazi ta' l-ezenzjoni li nghatat mill-istess Bord. Kwindi din il-Qorti tqis li l-presenza tal-MEPA xorta wahda hija necessarja u ghaldaqstant m'ghandhix tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju u konsegwentement din l-eccezzjoni qeghdha tigi michuda.

It-Tielet, ir-Raba' u l-Hames Eccezzjonijiet Preliminari ta' Dottor Zammit fil-kwalita' tieghu ta' Chairman tal-Bord tas-Servizzi Generali

Permezz tat-tielet u l-hames eccezzjonijiet qeghdha tigi ssollevata l-inkompetenza ta' din il-Qorti *ratione materie* stante li gie eccepit li ladarba l-atturi qeghdin jimpunjaw decizjoni tal-Awtorita' ghall-Ambjent u l-Ippjanar il-forum kompetenti huwa t-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar u jekk qeghdha tigi mpunjata d-decizjoni tal-Bord tas-Servizzi Generali l-forum kompetenti huwa l-Qorti tal-Appell .

Permezz tar-raba' eccezzjoni  qieghed jigi eccepit li l-azzjoni mhux proponibbli ghaliex hemm rimedju provdut f'ligi ohra.

Illi dawn l-eccezzjonijiet jissimplifikaw il-kwistjoni li ghandha quddiemha din il-Qorti. Dan qieghed jinghad billi filwaqt li l-atturi qeghdin jitolbu r-revoka tal-permess mahrug mill-MEPA in verita' l-ilment taghhom huwa dirett lejn in-nuqqas tal-Bord tas-Servizzi Generali li ma gharrafhomx li kienet se tigi trattata l-applikazzjoni li fil-process taghha huma kienu gew rikonoxxuti bhala terz interessati mill-MEPA u kif ukoll dirett ghall-mod ta' kif inghatat l-ezenzjoni.

Illi jirrizulta li hekk kif gie accertat li l-izvilupp seta' jintuza' mill-att tal-ippjanar ghall-uzu propost kien jonqos l-approvazzjoni sanitarja. Jirrizulta wkoll li meta l-applikazzjoni kienet qeghdha tigi kkunsidrata mill-Bord tas-Servizzi Generali l-atturi billi kienu *third party objectors* ma kienux gew infurmati u lanqas meta ttiehdet id-decizjoni mill-Bord tas-Servizzi Generali ma kienu jafu tant li lanqas kienet fuq il-website ta' l-Awtorita'. Isegwi ghalhekk li l-atturi lanqas ma setghu jappellaw minn din id-decizjoni lill-Qorti ta' l-Appell. Oltre' dan irrizulta wkoll li bhala terzi interessati huma m'ghandhomx *locus standi* quddiem il-Bord tas-Servizzi Generali u kwindi fi kwalunkwe kaz ma setghux jappellaw. Irrizulta wkoll mix-xhieda ta' Mark Cini li fil-kaz odjern il-MEPA hekk kif kellha l-approvazzjoni ghall-applikazzjoni mill- Bord tas-Servizzi Generali harget il-permess. Madankollu, Mark Cini ippreciza li l-fatt li l-Bord tas-Servizzi Generali tkun approvat applikazzjoni ma jwassalx awtomatikament ghall-hrug tal-permess ghaliex jista' jkun hemm ukoll kwistjonijiet relatati ma' l-izvilupp u ppjanar. Biss pero' f'dan il-kaz partikolari ma kienx hemm kwistjonijiet dwar l-uzu u l-ippjanar u ghalhekk kien jonqos id-decizjoni tal- Bord tas-Servizzi Generali.

Maghdud ma' dan kollu jrid ukoll jigi rilevat li meta l-atturi appellaw quddiem it-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar fir-risposta ghall-appell li sar wara l-hrug tal-permess l-Awtorita' qeghda ssostni lir-raguni li l-atturi kienu qeghdin jibbazaw l-appell taghhom kienet oggezzjoni dwar decizjoni li harget mill- Bord tas-Servizzi Generali li mhux kompetenza tal-Awtorita' u kwindi l-istess Awtorita' ma kinitx responsabbli ghal xi oggezzjonijiet ghall-mertu ta' dak li kienu qeghdin jappellaw it-terzi interessati.  Ix-xhud Mark Cini xehed is-segwenti:

*"Ghaliex l-oggezzjonijiet li kien hemm dwar l-aspett sanitarju illi l-oggezzjoni illi kienet qed tindirizza li kienu qed jipprezentaw l-objectors ghall-approvazzjoni tal-izvilupp mill-att sanitarju ma setghu qatt isiru lill-Awtorita' tal-Ippjanar ghaliex kienu, l-ewwelnett approvati mill-ufficjali inkarigat mis-Sanitary Engineering Officer li kif diga' rajna fil-legal notice huwa rapprezentant ta' entita' ohra izda jopera minn gol-MEPA, u l-parir li ta lil GSB kien ukoll gej minn entita' ohra ghal dak li ghandu x'jaqsam mal-ipprocessar tal-ippjanar. U argumenti u ragunijiet specifikatament relatati mal-ipprocessar tal-ippjanar ma kienx hemm allura dak l-appell, l-Awtorita' tal-Ippjanar ma kellhiex x'tirrispondi ghalih".*

Minn dan kollu jitnissel li f'dan il-kaz partikolari l-atturi ma kellhomx rimedju x'jirrikorru ghalih biex jivventilaw l-aggravju taghhom.  Huwa minnu li m'appellawx mid-decizjoni tal-Bord tal-Appelli dwar l-Ippjanar tas-7 ta' Frar 2012. Permezz ta' din id-decizjoni l-Appell kien baghat l-applikazzjoni lura lill-EPC. Madankollu xorta wahda ma jistax jinghad li l-atturi m'ezawrewx ir-rimedji l-ohra moghtija mil-Ligi. Oltre' dan ghalkemm  hemm appell pendenti quddiem it-Tribunal tar-Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar hareg car mix-xhieda ta' Mark Cini li la darba l-oggezzjoni hija fuq id-decizjoni tal- Bord tas-Servizzi Generali allura l-MEPA m'ghandha ghalxejn x'tirrispondi. Huwa maghruf ukoll li dan it-Tribunal ma jidholx fi kwistjonijiet ta' sanita' ladarba nghata l-approvazzjoni mill-Awtoritajiet sanitarji. Kwindi in verita' l-atturi bhala

terzi nteressati f'din l-applikazzjoni m'ghandhom l-ebda rimedju iehor disponibbli ghalihom.

Ghaldaqstant gie stabbilit li bhala terzi nteressati l-atturi m'ghandhomx, skont il-ligi prezenti, *locus standi* quddiem il-Bord tas-Servizzi Generali. Madankollu d-decizjoni li ttiehdet mill-Bord kien parti mill-process tal-applikazzjoni li l-istess atturi kienu gew rikonoxxuti bhala terzi interessati. Kwindi filwaqt li huma kienu prekluzi milli jappellaw id-decizjoni tal-Bord kemm ghax ma kienux mgharrfin bid-decizjoni kif ukoll ghax fi kwalunkwe kaz m'ghandhomx dritt ta' appell quddiem il-Qorti tal-Appell; l-appell quddiem it-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva mhux rimedju effettiv ghaliex fi kwistjoni ta' sanita' (u f'dan il-kaz din biss hija l-kwistjoni) l-istess Tribunal ma jidholx fiha.

Ghalhekk dawn l-eccezzjonijiet qeghdin jigu michuda.

<u>It-Tieni u t-Tielet Eccezzjonijiet tal-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar</u>

Illi l-Qorti tirreferi ghall-paragrafi precedenti billi rrizulta li r-rimedju ordinarju ta' appell quddiem it-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva mhux rimedju effettiv ghall-fatti partikolari ta' dan il-kaz. Ghalhekk it-tieni eccezzjoni qeghdha tigi michuda.

Inkwantu ghat-tielet eccezzjoni din giet irtirata.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi filwaqt li tilqa' l-ewwel eccezzjoni ta' Dottor Richard Zammit, Moira Azzopardi u d-Direttur ghas-Sahha Ambjentali u ghaldaqstant tillibera mill-osservanza

tal-gudizzju lil Moira Azzopardi, tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni eccezzjoni in vista li l-atturi cedew il-kawza fil-konfront tad-Direttur tas-Sahha Ambjentali, tichad it-tielet, ir-raba' u l-hames eccezzjonijiet tal-konvenut Dottor Richard Zammit, u tichad ukoll l-ewwel u t-tieni eccezzjonijiet tal-Awtorita' ta' Malta ghall-Ambjent u Ippjanar filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tielet eccezzjoni tal-Awtorita' ta' Malta ghall-Ambjent u Ippjanar.

Spejjez rizervati ghall-gudizzju finali.

Tordna l-prosegwiment tal-kawza quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta.

**< Sentenza In Parte >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------